**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 384/2024**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Francis Micallef**

**Illum 16 ta' Lulju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Francis Micallef**, iben Emmanuele u Theresa Micallef neè Schembri, ta' nazzjonalità Maltija, imwieled Tas-Sliema fl-20 ta' Settembru 1960 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0648860M, talli f'xi ħin ta' matul il-ġurnata fl-1 ta' Mejju 2024, ġewwa Triq il-Kunvent, Ħaż-Żabbar, Malta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' mobile u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, liema serq sar għad-dannu fuq persuna li għalqet is-sittin (60) sena u cioè ta' Giuseppa Psaila u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Giuseppa Psaila, liema reat huwa aggravat stante li l-offiża saret fuq jew fuq xi persuna msemmija fl-Artikolu 202(h);

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għamel lil Giuseppa Psaila inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil Giuseppa Psaila kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjar u storbju;

U aktar talli f'xi ħin bejn id-disgħa ta' filgħodu (09:00a.m.) u l-ħdax ta' filgħodu (11:00a.m.) fl-1 ta' Mejju 2024, ġewwa 126, Triq Bajjada, Żabbar u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

6. Bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta, iżomm jew jissekwestra lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Giuseppa Psaila kontra l-volontà tagħha;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) f'każ ta' ħtija tapplika d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 15A u 28H *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-rigward illi l-ħati jħallas id-danni ai termini ta' l-istess Artikoli 15A u 28H *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) tipprovdi għas-sigurtà ta' Giuseppa Psaila billi toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra Francis Micallef skond l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurtà tal-parti offiża ai termini ta' l-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; (iii) f'każ ta' ħtija, tikkundanna lil Francis Micallef għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni waqt is-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2024 markati Dok. "KF" sa' Dok. "KF6" a fol. 12 sa' 28 tal-proċess;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġ fil-konfront ta' Francis Micallef għas-salvagwardja ta' Giuseppa Psaila b'Digriet datat 4 ta' Mejju 2024[2];

Rat id-Digriet datat 27 ta' Mejju 2024 a fol. 60 sa' 68 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Kurt Farrugia[3] u ta' Guża Psaila[4] mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju 2024 u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Kurt Farrugia markati Dok. "KF7" sa' Dok. "KF12" a fol. 37 sa' 44 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Colin Sheldon[5] u ta' PC263 Jean Claude Tonna[6] mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2024 u x-xhieda ta' PS1289 Andrè Cassar Bonaci[7], ta'

[1] Fol. 11 tal-proċess.

[2] Fol. 29 tal-proċess.

[3] Fol. 33 sa' 36 tal-proċess.

[4] Fol. 45 sa' 56 tal-proċess.

[5] Fol. 97 sa' 99 tal-proċess.

[6] Fol. 100 sa' 102 tal-proċess.

[7] Fol. 108 u 109 tal-proċess.

PC2384 Christine Penza[8], tar-Risk Assessor Roberta Formosa[9], ta' PC161 Haykim Buttigieg[10] u ta' PC1091 Wayne Cutajar[11] ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2024, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Alexandra Mamo[12], ta' Dr. Jerome Spiteri[13] u tar-Risk Assessor Rebecca Vassallo[14] mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Awwissu 2024 u rat it-traskrizzjoni ta' l-istqarrija awdjoviżwali ta' l-imputat imħejjija minn Dr. Alexandra Mamo markata Dok. "AM" a fol. 122 sa' 150 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar[15] mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Ottubru 2024[16] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "KC" a fol. 188 sa' 229 tal-proċess u semgħet ix-xhieda ta' Charlene Bonello mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Marzu 2025[17];

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 2 ta' Diċembru 2024[18] permezz ta' liema bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 261(a), 262(1)(a), 274(ċ), 276A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 214, 215, 221(1), 222(1)(a) u 202(h)(i) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 338(dd), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 86, 87(1)(h) u 202(h)(i) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15A, 17, 31, 383, 384, 385, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta tat-3 ta' Diċembru 2024, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u rat li l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja. Inqraw l-Artikoli[19];

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[8] Fol. 110 u 111 tal-proċess.

[9] Fol. 112 u 113 tal-proċess.

[10] Fol. 114 u 115 tal-proċess.

[11] Fol. 116 u 117 tal-proċess.

[12] Fol. 120 u 121 tal-proċess.

[13] Fol. 151 u 152 tal-proċess.

[14] Fol. 153 u 154 tal-proċess.

[15] Nominat permezz ta' Digriet datat 25 ta' Ġunju 2024, fol. 96 tal-proċess.

[16] Fol. 185 sa' 187 tal-proċess.

[17] Fol. 245 sa' 249 tal-proċess.

[18] Fol. 231 u 232 tal-proċess.

[19] Fol. 233 tal-proċess.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli f'xi ħin ta' matul il-ġurnata fl-1 ta' Mejju 2024, ġewwa Triq il-Kunvent, Ħaż-Żabbar, Malta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer: (1) Ikkommetta serq ta' mobile u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, liema serq sar għad-dannu fuq persuna li għalqet is-sittin (60) sena u cioè ta' Giuseppa Psaila u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra; (2) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Giuseppa Psaila, liema reat huwa aggravat stante li l-offiża saret fuq jew fuq xi persuna msemmija fl-Artikolu 202(h); (3) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għamel lil Giuseppa Psaila inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni; (4) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil Giuseppa Psaila kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi; (5) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju; U aktar talli f'xi ħin bejn id-disgħa ta' filgħodu (09:00a.m.) u l-ħdax ta' filgħodu (11:00a.m.) fl-1 ta' Mejju 2024, ġewwa 126, Triq Bajjada, Żabbar u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer: (6) Bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta, iżomm jew jissekwestra lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Giuseppa Psaila kontra l-volontà tagħha.

Huwa wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

**Provi:**

L-**Ispettur Kurt Farrugia**[20] xehed illi *nhar l-1 ta' Mejju tas-sena 2024, waqt li kont ġewwa l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar, ġejt infurmat minn PC263 illi kienet għadha kemm irrapportat Sinjura, bl-isem ta' Josephine Psaila, bin-Numru ta' l-Identità 642350(M). Dan ir-rapport daħal l-Għassa għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija fejn hi stqarret mal-Pulizija li dakinhar filgħodu hija kienet ġewwa r-residenza 126, Triq Bajjada, Ħaż-Żabbar stess, illi liema residenza kien provdiela ċertu Francis Micallef, li dan Francis Micallef hija kellha wkoll relazzjoni miegħu fejn dakinhar filgħodu stess huwa kien sakkarha fl-istess residenza illi għadni kemm semmejt biex ma tikunx tista' toħroġ mill-istess residenza. Għaldaqstant hija kienet kisret ħġieġa ta' antiporta fejn sussegwentament hija rnexxielha toħorġ mill-istess residenza. Dana ġara filgħodu ta' nhar l-1 ta' Mejju ta' din is-sena 2024. Sussegwentement imbagħad, waranofsinhar, għall-ħabta tat-tlieta u nofs, kif spjegatilna s-Sinjura, hija waqt illi kienet qiegħda ġewwa Triq il-Kunvent, Ħaż-Żabbar, faċċata taċ-Ċentru Ċiviku ġewwa l-istess lokalità, ġiet avviċinata waqt li kienet qiegħda fejn il-bus stop mill-istess Francis Micallef fejn dak qalibha ma' l-art, ipprova joħdilha l-baskett fejn imbagħad minn ġol-baskett huwa ħadilha l-cashlink u l-mobile phone tagħha ta' l-għamla Nokia, liema mobile phone huwa*

[20] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju 2024, fol. 33 sa' 36 tal-proċess.

*kien żgħir, spjegatilna, u kien tal-buttuni. Għaldaqstant PC263 infurma l-ambulanza fejn irraportat ambulanza ġewwa l-Għassa ta' Ħaż-Żabbar fejn hemmhekk imbagħad ħadet lill-istess Josephine Psaila l-Isptar Mater Dei għal iktar assistenza medika. Jiena dakinhar stess irraportajt ukoll Mater Dei sabiex nitkellem aħjar ma' Josephine Psaila fejn hi rrakkontatli dak kollu li hi kienet qalet lil PC263 fejn filgħodu kienet ħarbet minn ġewwa r-residenza, wara li kellha relazzjoni ma' dan Francis Micallef li hija bdiet tgħid. Kienet ilha tafu mhux ħażin imbagħad waranofsinhar kien serqilha dan il-mobile fejn imbagħad ftit wara ġiet it-tifla tagħha u sussegwentement imbagħad iktar tard ġiet l-Għassa tagħmel rapport.*

L-Ispettur Farrugia stqarr ulterjorment li wara li analizza l-informazzjoni li kellu f'idejh, fit-2 ta' Mejju 2024, infurma l-Maġistrat ta' l-Għassa u ottjena l-ħruġ ta' Mandat ta' Arrest fil-konfront ta' Francis Micallef, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 648860M, liema Mandat ġie esegwit u Francis Micallef ġie arrestat nhar it-3 ta' Mejju 2024. Dwar l-arrest l-Ispettur Farrugia xehed illi *rrapportajna ġewwa residenza 70, Summer Vale Court, Block B, Flat 1, Triq il-Buttana, Marsascala, waranofsinhar però ħabbatna kemm-il darba u dan ma kienx jinsab hemmhekk. Peress illi konna nafu li din l-istess Josephine Psaila kienet qed tirrisjedi fir-residenza li kien provdielha l-istess Francis Micallef, irraportajna f'dik ir-residenza, u cioè 126, Triq Bajjada, Ħaż-Żabbar, fejn hemmhekk x'ħin ħabbatna fetaħ l-istess Francis Micallef. Jiena min-naħa tiegħi pprovdejtlu mandat fejn spjegajtlu fuq xiex kien qed jiġi arrestat. Tajtu wkoll l-ittra tad-drittijiet illi jiena spjegajtlu fuq il-post, liema arrest sar għall-ħabta ta' l-erbgħa neqsin kwart ta' wara nofsinhar. Meta jiena bdejt nispjegalu fuq xiex kien qed jiġi arrestat, huwa minn jeddu għażel illi jgħaddi lura l-mobile li huwa kien ħa ta' Josephine Psaila kif ukoll il-cashlink. Saret ukoll search fuq il-persuna tiegħu sabiex ma jkunx hemm periklu kemm għalina kif ukoll għalih fejn ukoll ġie elevat il-mobile tiegħu stess. Sussegwentement ħadnih ġewwa d-Depot tal-Pulizija sabiex titkompla l-investigazzjoni minni u mill-Ispettur Colin Sheldon mit-Taqsima tal-Vjolenza Domestika peress illi huma fil-passat u kif ukoll fil-preżent reċenti kellhom ukoll relazzjoni fejn imbagħad ġiet rilaxxata stqarrija b'mod awdjo-viżiva.*

L-Ispettur Farrugia ppreżenta l-mobile phone ta' l-imputat - Dok. "KF7"[21] - u l-mobile phone u l-Cashlink ta' Josephine Psaila - Dok. "KF8"[22] - li ngħataw lill-Pulizija direttament mill-imputat. L-imsemmi Spettur ippreżenta wkoll il-Mandat ta' Arrest u Tfittxija maħruġ fil-konfront ta' l-imputat - Dok. "KF9"[23] - kif ukoll żewġ ritratti li juru l-ħġieġ ta' l-anitporta tal-fond 126, Triq Bajjada, Ħaż-Żabbar, imkisser - Dok. "KF10" u Dok. "KF11"[24]. In oltre ppreżenta wkoll ir-rapport tal-Pulizija relattiv għal dan il-każ - Dok. "KF12"[25]. Mill-atti proċesswali huwa ikkonferma id-

---

[21] Esebit Numru KA/245/2024, fol. 57 tal-proċess.

[22] *Ibid.*

[23] Fol. 38 tal-proċess.

[24] Fol. 39 u 40 tal-proċess.

[25] Fol. 41 sa' 44 tal-proċess.

Dikjarazzjoni ta' Rifjut tal-Jedd għall-Parir u Assistenza Legali ta' l-imputat - Dok. "KF6"[26].

Dak affermat mill-Ispettur Kurt Farrugia dwar l-inċidenti mertu ta' dawn il-proċeduri u r-rapport ta' Giuseppa Psaila ġie kkonfermat minn **PC263 Jean Claude Tonna**[27], u dak affermat mill-imsemmi Spettur fir-rigward ta' l-arrest ta' l-imputat nhar it-3 ta' Mejju 2024, ġie kkonfermat minn **PC161 Haykim Buttigieg**[28] u minn **PC1091 Wayne Cutajar**[29].

L-**Ispettur Colin Sheldon**[30] xehed illi *kien l-1 ta' Mejju 2024 meta jiena kont ikkuntatjat mill-Ispettur Kurt Farrugia mill-Għassa ta' Ħaż-Żabbar fejn iddiskuta miegħi li kien daħal rapport dakinhar stess u kien se jkellimni fuq xi affarijiet li kellhom x'jaqsmu ma' vjolenza domestika fejn kienet marret ċertu Giuseppa Psaila, known as Josephine wkoll, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità 642350M, kienet marret l-Għassa Ħaż-Żabbar tagħmel rapport wara li dakinhar stess fl-1 ta' Mejju 2024, iktar kmieni għall-ħabta ta' l-għaxra ta' filgħodu, hija qalet illi kienet għaddejja minn Triq il-Kunvent ġewwa Ħaż-Żabbar, eżattament fejn bejn il-Kunsilli Lokali u hemm bus stop, u kif kienet hemmhekk għaddejja bil-mixi, waqfet vettura ħdejha fejn għarfitha li kienet il-vettura ta' l-ex partner tagħha ċertu Francis Micallef, detentur tal-Karta ta' l-Identità 648860M, fejn dak il-ħin Francis qalet illi waqaf il-vettura, ħareġ il-vettura u avviċina lil Josephine fejn għal xi raġuni, Josephine spiċċat ma' l-art u Francis kien ħadilha l-mobile phone u il-BOV card tagħha. Hi wkoll sostniet illi lil Francis kienet ilha tafu għal madwar tnax-il sena fejn qalet li kellhom relazzjoni flimkien, liema relazzjoni kienet intemmet u qalet ukoll illi Francis kien offrielha residenza li huwa kien wiret mingħand il-ġenituri defunti tiegħu li ġġib l-indirizz 126, Triq Bajjada, Ħaż-Żabbar u hi peress li kienet homeless kien jospitaha ġo din id-dar. Hija qalet li dakinhar stess filgħodu x'ħin ipprovat toħroġ minn ġewwa r-residenza, qalet li sabet li kien hemm l-antiporta ta' ġewwa kienet imsakkra b'katina u ma setgħetx tiftaħ il-bieb. B'xi mod irnexxielha tkisser il-ħġieġa ta' l-antiporta u rnexxielha toħroġ mill-antiporta imbagħad eventwalment ħarġet barra u telqet lil hemm. L-Ispettur Kurt Farrugia kien ukoll talab Mandat t'Arrest fil-konfront ta' Francis Micallef. Dan kien fit-2 ta' Mejju illi talab il-Mandat. Jiena wara li kien kellimni dakinhar ta' l-ewwel ta' Mejju, kont kellimt lis-Surġent PS1289 mis-Sezzjoni tal-Vjolenza Domestika fejn tlabtu biex jirrikorri ġewwa l-Isptar Mater Dei għax Francis kienet ġiet assistita minn team mediku fuq il-post meta kienet waqgħet ma' l-art u kienu ħaduha ġewwa l-Isptar. Is-Surġent hekk għamel, mar ġewwa Mater Dei fejn ġiet mitkellma Josephine u qal illi għall-ewwel il-kliem li bdiet tgħid qisu ma bediex jagħmel sens imma spjegalha li dawn qegħdin jieħdu r-rapport fir-rigward ta' l-inċident li ġara fejn ukoll offrewlha illi ssir risk assessment fejn hi l-prassi fis-Sezzjoni tagħna fejn dan ukoll sar u rriżulta li kien ta' livell tmienja u huwa meqjus bħala livell standard. L-Ispettur Kurt Farrugia*

---

[26] Fol. 28 tal-proċess.

[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2024, fol. 100 sa' 102 tal-proċess.

[28] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2024, fol. 114 u 115 tal-proċess.

[29] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2024, fol. 116 u 117 tal-proċess.

[30] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2024, fol. 97 sa' 99 tal-proċess.

*ukoll kien talab għal xi possibilità ta' filmati ta' CCTVs minn xi lokalitajiet, xi ħwienet interprisi li kien hemm fil-viċin però l-istħarriġ li sar irriżulta fin-negattiv. Josephine Psaila ġiet iċċertifikata li kienet sofriet ġrieħi ta' natura ħafifa salv komplikazzjonijiet u dan hekk kif ġiet iċċertifikata minn Dr. Jerome Spiteri minn ġewwa l-Isptar Mater Dei. Nhar it-3 ta' Mejju 2024, l-Ispettur Kurt Farrugia, flimkien ma' PC161 u PC1091 kienu niżlu Marsascala ifittxu lil Francis Micallef bil-mandat li kien maħruġ mill-Maġistrat Dr. Lara Lanfranco l-ġurnata ta' qabel, it-2 ta' Mejju 2024, però ma sabuhx Wied il-Għajn. Iktar tard sabuħ ġewwa 126, Triq Bajjada, Ħaż-Żabbar, fejn Francis ingħata d-drittijiet kollha tiegħu u minn rajħ dak il-ħin stess irritorna l-mobile phone li kien ħa lil Giuseppa u l-cashlink card ukoll li kienet ta' Giuseppa fejn imbagħad ġie eskortat għal iktar investigazzjonijiet ġewwa l-lock up tal-Pulizija. Fit-3 ta' Mejju 2024, jiena flimkien ma' l-Ispettur Kurt Farrugia, ħadna stqarrija awdjo-viżwali lil Francis Micallef …*

L-Ispettur Sheldon ikkonferma li Dok. "KF" a fol. 12 tal-proċess hija l-istqarrija awdjo-viżwali rilaxxata mill-imputat, Dok. "KF1" a fol. 13 u 14 tal-proċess huwa r-rapport tal-Pulizija dwar dan il-każ u Dok. "KF2" a fol. 15 tal-proċess huwa ċ-ċertifikat mediku maħruġ fir-rigward ta' Giuseppa Psaila. Ikkonferma wkoll li Dok. "KF3" a fol. 16 sa' 24 tal-proċess huwa r-Risk Assessment illi sar fir-rigward ta' Giuseppa Psaila u Dok. "KF4" u Dok. "KF5" a fol. 25 sa' 27 tal-proċess huma ċ-ċertifikat tat-twelid u l-fedina penali ta' l-imputat. Ikkonferma wkoll li Dok. "KF6" a fol. 28 tal-proċess hija d-Dikjarazzjoni ta' Rifjut tal-Jedd għall-Parir u Assistenza Legali ta' l-imputat.

**PS1289 Andrè Cassar Bonaci**[31] xehed illi *nhar l-1 ta' Mejju tat-2024, mort ġewwa Mater Dei hospital fejn kellimt lil ċertu Giuseppa Psaila peress li kienet, kien hemm suspett ta' vjolenza domestika fuq rapport ta' l-Ispettur Kurt Farrugia ta' Ħaż-Żabbar, u malli bdejt inkellimha ma tantx bdiet tagħmel sens. Kienet naqra imfixkla u offrejtilha risk assessment jiena dak il-ħin. Bħala involviment tiegħi dak kien dak il-ħin għax hi bdiet tgħidli, hi kienet poġġuta mas-Sinjur u kien hemm xi mara oħra involuta. Dak li kienet qalet dakinhar.* Is-Surġent Cassar Bonaci kkonferma r-rapport tal-Pulizija, partikolarment fejn għamel *update* huwa stess, u stqarr ukoll li Giuseppa Psaila kienet qaltlu li Francis Micallef kien serqilha il-mobile u l-card tal-Bank tagħha. **PC2384 Christine Penza**[32] ikkonfermat li Dok. "KF6" a fol. 28 tal-proċess hija d-Dikjarazzjoni ta' Rifjut tal-Jedd għall-Parir u Assistenza Legali ta' Francis Micallef, li hija għarfitu bħala l-imputat f'dawn il-proċeduri, u kkonfermat li fuq l-istess dikjarazzjoni kienet qed tagħraf il-firma tagħha, ta' l-Ispetturi Kurt Farrugia u Colin Sheldon u ta' Francis Micallef.

Ir-**Risk Assessors Roberta Formosa**[33] **u Rebecca Vassallo**[34], ikkonfermaw li id-dokument Dok. "KF3" huwa r-Risk Assessment li huma kienu għamlu ta' Giuseppa Psaila.

---

[31] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2024, fol. 108 u 109 tal-proċess.

[32] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2024, fol. 110 u 111 tal-proċess.

[33] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2024, fol. 112 u 113 tal-proċess.

[34] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Awwissu 2024, fol. 153 u 154 tal-proċess.

**Guza Psaila**, l-allegata vittma f'dawn il-proċeduri, xehdet waqt is-seduta tal-15 ta' Mejju 2024[35] u dakinhar hija għarfet lill-imputat bħala Francis Micallef. Hija ikkonfermat li fiż-żmien hi u l-imputat kellhom relazzjoni bejniethom għal madwar ħdax-il sena u li fiż-żmien mertu ta' dawn il-proċeduri kienet qed tirrisjedi f'post li għandu l-imputat f'Nru.126, Triq Bajjada, Ħaż-Żabbar. Dwar l-inċidenti mertu ta' dawn il-proċeduri hija xehdet illi *kien fl-1 ta' Mejju u jiena kont qiegħda d-dar u imbagħad qomt filgħodu u nħsilt u lestejt biex noħroġ 'il barra. … kienu xit-tmienja ta' filgħodu, it-tmienja u nofs. … Imbagħad ġie u reġa' ħareġ u sakkarni l-anitporta, jagħlaq l-antiporta. Dan Frans Micallef  u kien iħallini hemm ġew u jien iddisprjat kif ħallieni hemm ġew. Issa ġieli kemm-il darba kien iħallini u ma kontx nagħti każ għax kont drajt, fejn tridni mmur jiena? Insomma, imma din l-aħħar waħda kont xbajt u ddejjaqt jiġifieri għax ippakkjajt il-basktijiet, kelli ġiex basktijiet u ppakkjajt kollox. Lestejthom f'kamra oħra biex dan, imma jiena ma stajtx dan miegħi 'l barra peress li huma tqal… u ħallejthom hemm u fuq dak inkwetajt għax anke l-pakkett tal-pirmli għandi hemm dak.* Hija stqarret ulterjorment illi *sakkarni hemm ġew u jiena ddisprajt. Għedt imma jiena dan mhux ħa nibqagħlu hawn ġew. Bdejt qbadt tnalja 'l hemm u 'l hawn milli għandu u biex naghfasha mal-ħadid u għalxejn. Imbagħad donnu ġie min jgħidli, aqbad martell, kisser dak il-ħġieġ u għaddi minn ġol-ħġieġ u hekk għamilt eżatt. Kissirtu bil-martell l-antiporta u għaddejt minn ġol-ħġieġ. … U ftaħt il-bieb u tlaqt 'il barra*. Mistoqsija kif kienet magħluqa l-antiporta, Guza Psaila stqarret *qisha katina bil-katnazz, l-anitporta. L-antiporta ma kontx nista' niftaħha qas bit-tnalja xejn, bil-ħġieġ iddeċidejt imbagħad.*

Hija żiedet tgħid li iktar tard, għall-ħabta ta' l-erbgħa ta' waranofsinhar, kienet qed taqsam ħdejn il-Labour Office ta' Ħaż-Żabbar u f'daqqa u l-ħin ġie l-imputat fuqha *… qabadli l-baskett u ħatafuli u bil-ġibda li ġibidli waqqani u qabaldi l-portmoney, ħadli l-cashlink, ħadli l-mobile, imbagħad kumbinazzjoni kif telaq u dan, anzi qalli ġib idejk biex refgħani biex qajjimni minn ġol-art. … imbagħad meta telaq ġiet it-tifla*, li jisimha Sharon Psaila, *u għedtilha, għedtilha bix-xorti ġejt għat-tela', qaltli x'ġaralek? … għedtilha mhux dak, għedtilha ġie ħadli l-cashlink u ħadli l-mobile u qaltli "Imxi ħa mmorru għandu". Għedtilha "imxi ħa mmorru"… U morna imsomma u ma kienx hemm. Imbagħad mort l-Għassa u dan ċempilli l-Pulizija Tonna, ċempilli l-ambulanza u għamilt jumejn l-Isptar.*

Mistoqsija kemm għandha żmien, Guża Psaila wieġbet li għandha 73 sena, u murija l-esebiti Dok. "KF8" ikkonfermat li dawk kienu l-mobile u l-Cashlink tagħha.

In kontro-eżami Giuseppa Psaila stqarret illi hija kienet spiċċat tirrisjedi fil-fond ta' l-imputat għar-raġuni li *kont qiegħda ġo home u kont iddejjaqt għax kienu jisirqu l-affarijiet u ġieli jirisquli qalziet u labar ta' l-inxir u mbagħad f'daqqa waħda iddejjaqt u tlaqt 'il barra, għedtilhom ħa nitlaq 'il barra. U mbagħad qabel ma tlaqt 'il barra ċempilt lil dan għedt ħa nara jekk jaċċettanix noqgħod miegħu u nagħtih mitejn euro fix-xahar, flok inħallashom lil ħaddieħor. U darba tajtu one fifty u t-tieni darba tlaqt 'il barra, jien ikolli c-cheque u tlaqt 'il barra*. Mistoqsija jekk lill-imputat għandhiex tagħtih xi flus, hija wieġbet illi le. Stqarret ukoll li ma

[35] Fol. 45 sa' 56 tal-proċess.

huwiex minnu li l-imputat kien jgħidilha li għandha tħallsu xi flus. Psaila stqarret illi fil-fond ġieli kien ikun hemm nises oħra, fosthom waħda mara minn Ħaż-Żabbar stess kif ukoll bintha (ossia bint Giuseppa Psaila). Rinfaċċata bil-fatt li l-imputat kien sakkar l-antiporta mhux biex iżommha ġewwa imma biex ma jħallihiex iddaħħal nies ġewwa, Guza Psaila stqarret *mhux veru, mhux veru, jiena qatt ma daħħalt nies, m'għandhix x'nambi. Bilkemm lilu kelli x'nambi aħseb u ara lin-nies. … L-ewwelnett jien qatt ma daħħalt lil ħadd hemmhekk. Kif tridni ndaħħal dejjem imsakkra?* Mistoqsija mill-ġdid mill-Qorti kif kienet tkun imsakkra l-antiporta, Psaila wieġbet *bil-katnazz. Katina għal ħajt għal fuq il-pum ta' dan, għandu toqba jdaħħalha fiha u jdaħħal il-katnazz u hekk u dan u jgħalqu.* Mistoqsija qattx talbet ċavetta lill-imputat, hija wieġbet fin-negattiv u stqarret ulterjorment *għax jiena ma kontx qed niddejjaq. Imbagħad fl-aħħar qabżitli, iddejjaqt u bum, bum, bum, ridt nitlaq 'l barra.*

It-**Tabib Dr. Jerome Spiteri**[36], it-tabib li nvista lil Giuseppa Psaila ġewwa l-Emerġenza l-Isptar Mater Dei, ikkonferma li ċ-ċertifikat mediku esebit bħala Dok. "KF2" a fol. 15 tal-proċess kien ħarġu hu. Fir-rigward ta' ġrieħi huwa xehed *sinjali esterni ta' injuries ma kienx hemm. Għamilt x-ray ta' l-ispina for completeness sake u li kien unremarkable. Dak kollox.* Stqarr ukoll illi Psaila qaltlu li kienet qed tħoss uġigħ f'daharha iżda meta eżaminaha ma ralha xejn. Huwa kklassifika l-ġrieħi tagħha bħala ġrieħi ħfief.

L-**Avukat Dr. Alexandra Mamo**[37] ppreżentat it-traskrizzjoni ta' l-istqarrija awdjoviżwali rilaxxata mill-imputat, liema traskrizzjoni tinsab immarkata bħala Dok. "AM" a fol. 122 sa' 150 tal-proċess. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat ikkonferma li kien f'relazzjoni ma' Giuseppa Psaila li damet madwar għaxar snin. Ikkonferma li huwa kien ta permess lil Psaila sabiex tirrisjedi fil-fond f'Ħaż-Żabbar, senjatament 126, Triq Bajjada, Ħaż-Żabbar, u stqarr li fl-aħħar żmien kien taha ċavetta għal dan il-fond. Stqarr ukoll li l-istess Giuseppa Psaila kienet taqla' ħafna paroli għaliex dejjem tridu jixtrilha l-affarijiet. Mistoqsi jekk kienx isakkar lil Psaila ġewwa dan il-fond, l-imputat wieġeb fl-affermattiv u spjega li hemm *handle ta' l-antiporta, katina b'ħolqa … u katnazz mal-ħajt.* Ikkonferma li meta jagħlaq l-antiporta b'dan il-mod, dak li jkun ma jkunx jista' joħroġ mill-bieb ta' barra, tant illi jumejn qabel id-data ta' l-istqarrija tiegħu, Giuseppa Psaila kellha tkissirlu l-ħġieġ ta' l-antiporta biex setgħet toħroġ. Mistoqsi għalfejn sakkarha ġewwa għad illi qal li kien taha ċ-ċavetta tal-fond, l-imputat wieġeb *da l-aħħar ħallejtilha ċ-ċwievet lilha, biex titfa' iċ-ċwievet lil xi ħadd u jiftaħ għax jekk inhi makakka hi, jien makakk, … mhux ħa tgħaddini minn għajn il-labra bħal ma għamlet. Għalhekk għax kienet titfa' ċ-ċwievet mill-gallarijaa lil xi ħadd biex jiftaħ hu.*

Mistoqsi x'ġara iktar tard matul dik il-ġurnata, l-imputat wieġeb *xejn ħi, għedtilha 'ejja, isma' 'l hawn' u taparsi waqgħet ma' l-art … u ma ġinix f'rasi neħdilha ċ-ċwievet.* Ikkonferma li dak il-ħin huwa ħa l-mobile u l-card tal-Bank ta' Psaila u meta ġie muri l-istess mobile u l-card ikkonferma li huma tagħha. Huwa ċaħad li kif ġibed il-baskett ta' Giużsppa Psaila hija waqgħet ma' l-art iżda sostna li kif bil-

[36] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Awwissu 2024, fol. 151 u 152 tal-proċess.

[37] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Awwissu 2024, fol. 120 u 121 tal-proċess.

kemm missha, hija ntefgħet ma' l-art għaliex kienet xurbana. Fil-kors ta' l-istqarrija tiegħu l-imputat ikkonferma li Psaila għandha erbgħa u sebgħin sena. Stqarr ukoll illi dak il-ħin mar fuqha għaliex kien irribjat għaliha peress li kissritlu l-ħġieġ ta' l-antiporta biex tkun tista' toħroġ mill-fond fejn huwa kien sakkarha ġewwa iktar kmieni matul il-ġurnata, u ried jiġbor il-flus tal-ħsara li għamlitlu. Stqarr ukoll li huwa pprova juża l-card tal-Bank ta' Psaila minn ATM tal-BOV ġewwa Wied il-Għajn iżda l-card ma ħadmitx. Stqarr ukoll li għamel użu mill-mobile ta' l-istess Psaila għaliex il-mobile tiegħu ma kellux *credit*. Ikkonferma li meta ġew il-Pulizija biex jarrestawh huwa mill-ewwel għaddielhom il-mobile u l-card ta' Psaila. Rinfaċċjat bil-fatt li Giuseppa Psaila ġiet iċċertifikata li kellha ġrieħi ħfief, l-imputat stqarr li hij kienet soltu taqa' 'l hemm u 'l hawn u titbenġel u fil-fatt xi ġranet qabel l-inċidenti in kwistjoni kien sabha ma' l-art għaliex waqgħet.

L-**Espert Keith Cutajar**[38] ippreżenta r-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "KC" a fol. 188 sa' 229 tal-proċess u fir-rigward xehed illi *fil-25 ta' Ġunju 2024 ġejt mitlub minn din il-Qorti biex inwettaq analiżi ta' mobile phone ddokumentat bħala Dok. "KF7" u envelope miegħu li kienet iddokumentata bħala Dok. "KF8", b'mod speċifikatament mill-1 ta' Mejju 2024 u 4 ta' Mejju 2024. L-ewwel ħaġa qed nirritorna l-mobiles li huma ssiġillati u apparti wkoll l-esebiti, qed nirritorna l-phone chargers etc. li kien hawn fih, qed nirritorna wkoll id-dokument li kien a fol. 106 li kien il-passwords. Kollox huwa ssiġġillat lura bl-evidence tape. Hawnhekk qed nagħmel referenza fuq żewġ mobile phones MB01 u MB02. MB02 ħa nibda bih huwa mobile phone ta' l-għamla Nokia mudell 105 li huwa burner phone, biex insejħulu hekk, u MB01 huwa Xiaomi Redmi ta' lewn iswed b'cover aħmar, il-password li kienet ipprovduta ntużat ġo Xiamoi, ġor-Redmi, ġo MB01, fejn ovvjament qablet il-password u kien fih ukoll żewġ sim cards u anki sd card. L-analiżi saret b'mod intier u għaldaqstant qed nippreżenta r-relazzjoni bid-data u għandi kopja kemm għall-Prosekuzzjoni u kemm għad-Difiża. Vis-à-vis it-talba speċifika tal-verbal ta' l-estensjoni, jiġifieri qed naghmel referenza għal-localisation, meta jiena ċċekkjajt, in-Nokia ma kellux localisation data ġo fih għax kull ma jagħmel jibgħat sms's u jirċievi għax huwa burner phone, ix-Xiaomi peress li huwa smart phone dawk normalment ikollhom biss f'dan il-każ partikolari f'dan il-perjodu, jiġifieri mill-1 ta' Mejju 2024 sa' l-4 ta' Mejju 2024, localisation ġod-device rriżulta fin-negattiv, jiġifieri assoluta ma għandu l-ebda data, maħruġ bis-sistema tas-Celebrite, li kellu xi forma ta' localisation.*

**Charlene Bonello**[39] xehdet illi hija ħabiba ta' l-imputat u fir-rigward tal-post li huwa għandu ġewwa Ħaż-Żabbar stqarret illi *l-post kien t'ommu u ta' missieru hemmhekk, huwa tiegħu llum il-ġurnata għax ommu u missieru mejtin. Imma l-bqija kont immur hemmhekk, ngħid kelma miegħu, raġel allright.* Stqarret ukoll li f'ċertu punt daħlet tirrisjedi f'dan il-fond ċerta Guża u din dejjem kienet bil-problemi ma' l-imputat, *jiena rajt lilu u lilha dejjem jiġġieldu, dejjem titolbu l-flus u qatt ma tagħtihomlu. Speċi, sorry tagħmel pipi u tħammeġ taħtha u tħalli kullimkien maħmuġ. Hu laqgħha jiġifieri biex iżommha ma jħallihiex barra għax lanqas uliedha ma jridu jżommuha. Speċi biex ma taqbadx xkupa, lasta ta' xkupa*

---

[38] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tad-29 ta' Ottubru 2024, fol. 185 sa' 187 tal-proċess.

[39] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Marzu 2025, fol. 245 sa' 249 tal-proċess.

*u tiknes naqra u dan, u kollox trid minnu.* Dwar il-fatt li l-imputat sakkar lil Giuseppa Psaila ġewwa l-fond tiegħu, Charlene Bonello stqarret illi *ara jiena darba minnhom wassalni Frans id-dar u hu telaq id-dar tiegħu u lil Guża ħalliha hemm ġewwa għax kienet iddaħħal l-irġiel u t-tfal tagħha meta hu ma kienx ikun hemm waqt li hu qalilha lilha biex toqgħod hemm u tinqeda b'kollox, saħħa taha l-post u hekk, sakkarha hemmhekk biex ma ddaħħal lil ħadd.* Mistoqsija kenitx rat dan iseħħ b'għajnejha, Charlene Bonello wieġbet *le, jiena kull m'għamilt kont dħalt hemmhekk tifhem u ċempilt, jiena dħalt hemm u hu wassalni d-dar u ċemplitli Guża u smajt leħen xi ħadd jiena. Ċempilt lilu u tela' jiġri. Dakinhar tkellem magħha u dan u mbagħad kien sakkarha ġurnata wara jew insomma ġurnata oħra. Mhux bilfors isakkarha? Anzi qed iħalliha hemmhekk.* Tenniet illi l-imputat kien sakkar lil Giuseppa Psaila fil-fond *għax kienet iddaħħal lin-nies u l-irġiel.* In kontro-eżami mistoqsija meta seħħ dan li l-imputat sakkar lil Giuseppa Psaila ġewwa l-fond, Charlene Bonello wieġbet *naf li għamilha darba u dan u kisritlu l-bieb.*

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat:**

Bl-**ewwel imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu l-imputat qed jiġi mixli talli f'xi ħin ta' matul il-ġurnata fl-1 ta' Mejju 2024, ġewwa Triq il-Kunvent, Ħaż-Żabbar, Malta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer: (1) Ikkommetta serq ta' mobile u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, liema serq sar għad-dannu fuq persuna li għalqet is-sittin (60) sena u cioè ta' Giuseppa Psaila u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 2 ta' Diċembru 2024[40], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 261(a), 262(1)(a), 274(ċ) u 276A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Huwa ċar li l-imputat qed jiġi mixli bir-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, ai termini ta' l-Artikolu 262(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, aggravat bil-fatt li dan ir-reat twettaq fuq persuna li għandha iktar minn sittin sena.

L-imsemmi Artikolu 262(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Is-serq huwa kkwalifikat bil-"vjolenza" - (a) meta jsir flimkien ma' omiċidju, ma' offiża fuq il-persuna, jew ma' sekwestru tal-persuna, jew ma' theddid, bil-miktub jew bil-fomm, ta' omiċidju jew ta' offiża fuq il-persuna jew ta' ħsara fil-proprjetà.* Is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi provvediment tal-Liġi in oltre jiddisponi li *sabiex att ta' vjolenza jitqies li jikkwalifika s-serq, huwa biżżejjed li dan l-att isir qabel jew fil-waqt tas-serq, jew minnufih wara, sabiex jgħin il-konsumazzjoni tad-delitt, jew il-ħelsien tal-ħati mill-piena jew mill-arrest jew mill-għagħa ta' l-offiż jew ta' oħrajn, jew sabiex il-ħati ma jħallix tiġi lilu meħuda lura l-ħaġa misruqa, jew biex jivvendika ruħu talli ma jkunux ħallewh jew fittex li ma jħalluhx jisraq, jew talli jkunu ħadulu lura l-ħaġa misruqa, jew talli jkun ġie mikxuf bħala l-ħalliel.*

---

[40] Fol. 231 u 232 tal-proċess.

In kwantu rigwarda r-reat ta' serq issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Adrian Valletta**, deċiża fit-12 ta' Marzu 2019 fejn ingħad: *il-Qorti għalhekk tħoss li f'dan l-istadju għandha tagħmel apprezzament ta' dritt u cioè tagħti tifsira tal-kunċett ta' serq, u cioè tar-reat kontra l-proprjetà ta' terzi per eċċellenza jew aħjar kif jgħid il-Manzini - 'l'oggetto generico della tutela penale (b'referenza għal dan ir-reat) è l'interesse pubblico riguardante l'inviolabilità del patrimonio'. Jekk wieħed janalizza l-Kodiċi Penali tagħna, ma jsibx definizzjoni tal-kunċett ta' serq, għalhekk n-nozzjoni ta' serq tista' prima facie tidher faċli u ta' intelliġenza volgari, madanakollu r-reat ta' serq dejjem ta lok għal kwistjonijiet frekwenti u vivament dibattuti fid-dritt kriminali. Hija l-prattika kostanti tal-Qrati tagħna li jadoperaw id-definizzjoni mogħtija minn Carrara fil-Programma Speciale Vol. IV para 2017 - vide fl-ismijiet Il-Pulizija v. Tanti. Il-Carrara jgħid: "il furto è la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro". Għalhekk jirriżulta minnufih li sabiex jissussisti serq irid jkollna l-elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioè: 1. il-contractatio tal-ħaġa, 2. li tappartjeni lil terzi, 3. magħmula b'mod frawdolenti, 4. mingħajr l-kunsens tas-sid, u 5. animo lucrandi. Għalhekk meta ngħidu li sabiex jissusisti s-serq il-contractatio tar-res aliena irid isir b'mod frawdolenti rridu nfissru li t-teħid ta' l-oġġett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittieħed mingħand terzi, jiġifieri li t-teħid qed isir għad-dannu ta' terzi. Huwa importanti sine qua non biex jiġi pruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-mens rea mhux biss it-teħid tar-res aliena iżda l-intenzjoni li ser isir akkwist - animo di farne lucro. Il-kontraċetazzjoni ma hiex biżżejjed imma hemm bżonn li tkun saret invito domino u luci faciendi gratia. In fatti r-rekwiżit speċjali għas-serq huwa li wieħed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantaġġ jew benefiċċju minn ħaġa li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jiġi pruvat huwa l-pussess ta' l-oġġett li jrid jiġi protett minn kull teħid illeġittimu kommess mediante sottrazione senza violenza personale, kif jgħid Manzini "presupposto essenziale del furto è la mancanza del possesso del agente". Meta fil-fatt sid ta' res aliena m'għandux interess fl-oġġett jew aħjar abbanduna l-istess oġġett, min jieħu dan l-oġġett ma jistgħax jinsab ħati ta' serq, se mai ta' misapproprjazzjoni. Fil-fatt, kif già ġie spjegat fil-kawza "Il-Pulizija v. S. Pisani", il-Qorti qalet li sabiex jeżisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oġġett irid jiġi meħud, iżda li t-terz jiġi spussessjat mill-oġġett. Kwantu għar-rekwiżit ta' invito domino huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm taċitu. F'ċirkostanzi eċċezzjonali jista' jkun preżunt, u allura l-buone fede ta' l-awtur tal-contractatio teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wieħed m'għandux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew borswali imma kwalunkwe vantaġġ, sodisfazzjoni, utili, pjaċir, benefiċċju jew komodu li l-ħati jkollu fi ħsiebu li jipprokura. Carrara jgħid: "avvengache per lucro qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vontaggio o sodisfazione procurata a sè stesso".*

Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Kevin Tonna, Każ. Nru. 101/2020** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-8 ta' Frar 2022, fejn ġie osservat *illi l-ġuristi Taljani huma konkordi li għall-prova ta' dan l-element formali tar-reat, irid jintwera li l-att illeċitu jkun sar bid-dolo speċifiku cioè bil-konoxxenza u volontà ta' l-aġent li jakkwista xi vantaġġ għalih jew għal ħaddieħor:- "... nella nozione di profitto rientra qualsiasi utilità o sodisfazione,*

*anche puramente morale, che l'agente intenda ricavare dall'impossessamento della cosa".*

Meta l-fattispecie ta' dan il-każ jiġu kkunsidrati fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġuridiċi għandu jirriżulta b'mod ċar ħafna li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa effettivament ħati li f'xi ħin matul il-ġurnata ta' l-1 ta' Mejju 2024, ġewwa Triq il-Kunvent, Ħaż-Żabbar, seraq il-mobile u l-card tal-Bank ta' Giuseppa Psaila. Ma hemm ebda dubju li l-imputat mar fuq Psaila u kontra l-volontà tagħha ħadilha minn fuq il-persuna tagħha l-imsemmija mobile u l-card tal-Bank. Apparte dak li jirriżulta mix-xhieda ta' Giuseppa Psaila, li l-Qorti tqis li hija xhieda affidabbli u veritiera, mill-provi rriżulta li meta l-Pulizija marru biex jarrestaw lill-imputat nhar it-3 ta' Mejju 2024, kien l-istess imputat li tahom il-mobile u l-card tal-Bank in kwistjoni appartenenti lil Giuseppa Psaila. Dan ifisser li l-imputat kellu fil-pussess tiegħu oġġetti li kienu ġew rappurtati misruqa minn Psaila nhar l-1 ta' Mejju 2024, u għaldaqstant, għandha issib applikazzjoni fil-każ in eżami d-dottrina *of unlawful possession of recently stolen goods.*

Fir-rigward ta' l-imsemmija dottrina issir referenza għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Stephen Borg, Appell Nru. 3/2020** deċiża fl-20 ta' Ottubru 2020, fejn ġiet ċitata s-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Emanuel Seisun et" ukoll deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998: *it-teorija (theory of unlawful possession of recently stolen goods) mhi xejn ħlief l-applikazzjoni tal-bon sens għal ċirkostanzi partikolari li jkunu jirriżultaw ippruvati fis-sens li meta jiġu ppruvati ċerti fatti dawn jistgħu waħdehom iwasslu raġonevolment għall-konklużjoni li persuna partikolari tkun ħatja tar-reat ta' serq ta' l-oġġetti misjuba għandha jew, skond iċ-ċirkostanzi, tar-reat ta' riċettazzjoni ta' dawk l-oġġetti (Vol. LXXIII 1998 Part IV fol. 322). Fl-istess sentenza l-Qorti kkwotat estensivament mill-Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice 1997 paras 21-125, 21-126. "There appears to have been widespread misunderstanding of the so-called doctrine of recent possession. The 'rule' is, it is submitted, that where it is proved that premises have been entered and property stolen therefrom, and that very soon after the entry the defendant was found in possession of the property, it is open to the jury to convict him of burglary, and the jury should so be directed: see R v. Loughlin, 35 Cr. App. R 69; R. Seymour 38 Cr App. R.68. This of course applies equally to thefts other than in the course of a burglary, whether a pickpocketing or an armed robbery. In R v. Smythe 72 Cr. App. R.8.C.A., the court stressed that there is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling; it adopted the following passage from Cross on Evidence 5th ed., p. 49 (now 8th ed. p.35). If someone is found in possession of goods soon after they have been missed and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen. The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the*

*only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury are satisfied that the explanation he does offer is untrue. Every case depends on its own facts. There is no magic in any given length of time. However, it is submitted that in many cases where the only evidence is that of recent possession, it will be impossible to exclude the possibility that the defendant was merely a receiver of the stolen property; in such cases a count of burglary ought not to be left to the jury. However, that applies where recent possession is literally the only evidence. The reality is, that in the great majority of cases there are other pieces of evidence that tend to point the case one way or the other. It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the available evidence'. ... Fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija Spettur David Saliba v. Jesmond Gatt"[41] ġie ikkunsidrat li "Archbold fil-ktieb tiegħu Criminal Practice 1996 pg.18 para F3.28 jiddisponi s-segwenti: "In cases of handling and theft, on proof of admission of the fact that the accused was found in possession of property so shortly after it was stolen that it can fairly be said that he was in recent possession of it, the jury should be directed that such possession calls for explanation, and if none is given, or one is given which they are convinced is untrue, they are entitled to infer, according to the circumstances, that the accused is either the handler or the thief and to convict accordingly". Cross and Tapper fil-ktieb tagħhom "Evidence" paġna 35 jagħti l-istess spjegazzjoni għat-teorija in eżami u cioè huma jgħidu s-segwenti:- "If someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen". ... Dwar il-ħin neċessarju sabiex il-pussess jissejjaħ riċenti l-Qorti tagħmel referenza għall-istess awturi fuq imsemmija u in partikolari lil Cross and Tapper li jgħidu s-segwenti: "It goes without saying that what constitutes recent possession within the meaning of the above doctrine is a question of fact depending on the circumstances of the particular case, but it must be emphasised that, even if no explanation is given by the handler, the jury are entitled but not compelled to convict". Archbold fl-opera fuq ċitata jgħid:- "Relevant factors include the nature of the property, its saleability, and any evidence other than of the accused's possession of the goods, connecting him with the nature of the offence charged". Din it-teorija tal-pussess riċenti tal-ħaġa misruqa ilha għal numru konsiderevoli ta' snin dejjem tiġi aċċettata u addottata mill-Qrati tagħna b'mod konsistenti anke minn din l-istess Qorti kif preseduta fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Silvano Cilia" deċiża fil-wieħed u tletin ta' Mejju 2000. Din it-teorija kif ġie ritenut fis-sentenza mogħtija nhar il-ħdax ta' Diċembru 1998 fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Freddie sive Alfred Zahra" qiegħda hemm sabiex jiġi stabbilit in-nexus bejn id-delitt ta' serq, li għandu fl-ewwel lok jiġi ppruvat li sar, u*

[41] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-18 ta' Jannar 2001.

*is-suspettat li għandu tinsab ir-res furtiva ftit tal-ħin jew żmien wara s-serqa, nexus li purche jiġu stabbiliti r-rekwiżiti kollha ta' din it-tejorija jwassal sabiex jinkjoda u jorbot lill-pussessur bis-serq ta' l-oġġett misruq għandu ftit tal-ħin wara s-serqa. ... Din it-teorija tistabilixxi presunzjoni ta' fatt kontra l-imputat u l-oneru biex jispjega dan il-fatt jaqa' fuqu. Il-Prosekuzzjoni rnexxilha mingħajr dubbju ta' xejn tipprova li l-imputat kien fil-pussess taċ-ċekkijiet misruqa f'ċirkostanzi dubbjużi waqt li l-imputat ma offra l-eba spjegazzjoni fl-ebda ħin.*

Mhux biss irriżulta li l-imputat kellu fil-pussess tiegħu l-mobile u l-card tal-Bank ta' Giuseppa Psaila ġranet biss wara li dawn ġew minnha rrappurtati misruqa mill-imputat stess, iżda rriżulta ukoll li huwa stess irrikonoxxa li ħa tali oġġetti mingħandha u li ħadhom *animo lucrandi*. Fl-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija Eżekuttiva, liema stqarrija ġiet rilaxxata wara li ngħata d-dritt għall-parir legali qabel l-interrogazzjoni u d-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni u irrinunzja għalihom[42], l-imputat qal li wara li ħa l-card tal-Bank u l-mobile ta' Giuseppa Psaila, huwa pprova juża l-card fl-ATM tal-BOV ta' Wied il-Għajn iżda din ma ħadmitx u anke għamel użu u ċempel minn fuq il-mobile tagħha għaliex ma kellux *credit* fil-mobile tiegħu.

Fit-trattazzjoni finali d-Difiża ssottomettiet li għalkemm l-imputat ħa l-mobile u l-card tal-Bank ta' Giuseppa Psaila, huwa ma kellux l-intenzjoni li jisraqhom iżda ħadhom għaliex l-imsemmija Psaila kellha tagħtih xi flus. Ir-raġuni għalfejn kien qed jippretendi tali flus tinbidel mill-istadju ta' l-istqarrija għall-istadju ta' dawn il-proċeduri. In effetti filwaqt illi fl-istqarrija minnu rilaxxata lill-Pulizija Eżekuttiva, l-imputat stqarr illi huwa mar fuq Psaila u ħadilha l-mobile u l-card tal-Bank għaliex kien ifferoċjat għall-ħsara li għamlitlu fl-antiporta tal-fond 126, Triq Bajjada, Ħaż-Żabbar, iktar kmieni dakinhar stess u ried jitħallas ta' tali ħsara, il-linja difensjonali adottata tul is-smigħ tal-proċeduri hija li kien qed jippretendi ħlas mingħand Psaila għaż-żmien li hija għamlet tirrisjedi fil-fond 126, Triq Bajjada, Ħaż-Żabbar. Li din hija l-linja difensjonali adottata tul il-kors ta' dawn il-proċeduri joħroġ ċar ħafna anke mill-mistoqsijiet in kontro-eżami lil Giuseppa Psaila. Fi kwalunkwe każ, il-kontestazzjoni ċentrali tad-Difiża hija li għalkemm jista' jirriżulta xi reat ieħor a bażi tal-provi prodotti, ċertament ma jistax jirriżulta r-reat ta' serq li l-imputat qed jiġi mixli bih f'dawn il-proċeduri u għaldaqstant ma jistax jinstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Id-Difiża ma tat ebda indikazzjoni tar-reat, mhux dak ta' serq, li skontha jista' jirriżulta li twettaq fid-dawl tal-provi prodotti, iżda l-Qorti qed tifhem li hawn id-Difiża qed tagħmel referenza għar-reat ta' ragion fattasi ai termini ta' l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta: *(1) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas fejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi ta' l-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa' tliet xhur: Iżda, l-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il-piena hawn fuq*

[42] Dok. "KF6" a fol. 28 tal-proċess.

*imsemmija, tagħti l-piena tal-multa: Iżda wkoll l-akkużat jista' jiddefendi ruħu billi jagħti prova li tali azzjoni kienet magħmula bħala miżura temporanja meħtieġa mill-bżonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innfisu jew ta' ħaddieħor: Iżda f'każijiet ta' żgumbrament arbitrarji jew sfurzati ta' okkupant mill-proprjetà li huwa jokkupa bħala residenza primarja tiegħu, inkluż kwalunkwe dħul mhux permess fil-proprjetà, it-tneħħija ta' għamara, apparat domestiku jew affarijiet personali mill-proprjetà, jew is-sospensjoni jew interruzzjoni ta' servizzi tad-dawl u ta' l-ilma, b'kull mod, inkluża l-istallazzjoni ta' apparati li jippermettu lis-sid jissospendi l-provvista diretta tas-servizzi tad-dawl u ta' l-ilma lill-proprjetà, il-multa ma għandhiex tkun inqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500) u mhux aktar minn erbat elef euro (€4,000).*

L-elementi kostituttivi tar-reat ta' raġion fattasi huma: *a) att estern li jimpedixxi persuna oħra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens espliċitu jew impliċitu ta' dik il-persuna; b) l-imputat irid jemmen li qed jaġixxi bi dritt; ċ) ix-xjenza ta' l-imputat li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-proċess legali; d) li l-att ma jinkwadrax ruħu f'reat aktar gravi. In oltre r-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-ritenzjoni ta' pussess li dak li jkun gja kellu*[43].

Hekk kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Eileen Said** deċiża fid-19 ta' Ġunju 2022 u **Il-Pulizija v. Mario Lungaro** deċiża fil-15 ta' Novembru 1996, *illi kif dejjem ġie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-aġir ta' dak li jkun irid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjetà ta' ħaddieħor per eżempju. Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġini fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dar-reat biex tagħmel dak li għamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wieħed jippriva persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu d-dgawdija tagħha* **u** *hu risaput - u dan, del resto joħroġ mill-istess definizzjoni tar-reat in diżamina - li l-istess att materjali jista' jagħti lok għar-reat ta' raġion fattasi jew għal ieħor (ħsara volontarja, serq) jekk ikunx hemm dana r-reat ta' raġion fattasi jew xi reat ieħor jiddependi mill-intenzjoni ta' l-aġent. Hu irrilevanti jekk din l-intenzjoni tikkwalifikax bħala intenzjoni speċifika jew intenzjoni ġenerika. Fi kliem il-ġurista Antolisei: "quanto all' elemento soggettivo generalmente si afferma che occorre un dolo specifico, il quale sarebbe costituito dal fine di esercitare un preteso diritto. Questa opinione deriva da una inesatta nozione del dolo specifico. Il fine di esercitare un preteso diritto, invero non è altro che l'intenzione di farsi ragione da se medesimo, e siccome questo 'farsi ragione ecc' non e un quid che sta al di la del fatto che costituisce il reato, ma il fatto medesimo (azione ed evento) il dolo richesto deve ritenersi generico, e non specifico.*

Dwar jekk aġir partikolari da parte ta' imputat jagħtix lok għar-reat ta' serq jew għar-reat ta' raġion fattasi, issir referenza għal dak osservat fis-sentenza fl-ismijiet **The Police v. Siddy Sangari**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-16 ta' Lulju 2010. F'dak il-każ l-imputat allega li kellu jieħu lura flus mingħand il-vittma

[43] Il-Pulizija v. Warren Abraham Scicluna, deċiża mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fit-22 ta' Ġunju 2022.

f'dawk il-proċeduri u meta dan ma ħallsux, ħa laptop li kellu l-istess vittma, liema laptop insegwitu instab fil-pussess ta' l-imputat, u l-Qorti osservat illi: ***it is trite knowledge that for the offence of arbitrary exercise of a pretended right to subsist, the interference with another's property, moveable or immoveable, must be effected "without intent to steal or to cause any wrongful damage, but only in the exercise of a pretended right". The words underlined clearly imply that in the first place there must be the exclusion of the intent to steal; the intent to exercise a pretended right coupled with the intent to steal (that is, the intent to steal for the purpose of exercising a pretended right) would put the material element of the offence outside the ambit of Article 85(1)***[44] *(see inter alia Il-Pulizija v. Godwin Zammit, Court of Criminal Appeal, 20/11/1998). Although as was stated by this Court in its judgement of the 15/11/1996 in the names Il-Pulizija v. Mario Lungaro the particular intent with which the material act is committed will generally determine whether the offence is one of ragion fattasi or some other offence, such as voluntary damage to property or theft, the starting point must always be to examine whether the intent to steal can be excluded. The Inferior Court, in the judgment which is now under review, correctly referred to Carrara's classical definition of theft: la contrettazione dolosa della cosa altrui, fatta invito domino, con animo di farne lucro. Theft, therefore, requires both a generic intent (dolo generico) and a specific intent (the animo di farne lucro or animus lucrandi). In the words of Luigi Maino (Commento al Codice Penale Italiano [terza ristampa della terza edizione], UTET, 1922, vol. IV, pp. 13-14, para. 1842: "Nel reato di furto il dolo è di doppia specie, cioè generico, o consistente nella scienza e volontà di fare cosa illegittima, e specifico, ossia dipendente dall'animo di lucro, che differenzia questo delitto da altra specie di reati contro la proprietà. Per mancanza di dolo generico non risponde di furto chi abbia preso la cosa altrui per semplice disavvertenza; chi per errore creda esservi il consenso del proprietario al suo impossessarsi della medesima; chi in buona fede ha creduto trattarsi di cosa abbandonata." As was pointed out by this Court (Galea Debono, J.) in its judgment of the 30/1/2003 in the names Il-Pulizija v. John Galea u Paul Galea, the gain envisaged by the animus lucrandi – the specific intent – for the purpose of theft is not necessarily a pecuniary gain. There would be "gain" if the person takes something, belonging to another person, simply for the former to enjoy the thing so taken (e.g. a painting or other piece of art). Again in the words of Maino: "...per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che può ritrarsi dalla cosa rubata vendendola, oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro, ma qualunque godimento o piacere, qualunque soddisfazione procurata a sè stesso, onde anche chi rubi per donare o chi sottragga per mero diletto artistico un'opera d'arte, anche lasciando al proprietario il prezzo od altro oggetto di pregio equivalente o superiore, è responsabile di furto." But then this same author goes on to qualify the gain required for the purpose of theft as being an illicit or unlawful gain – profitto illecito – and on the basis of this qualification goes on to state (and the following quotation was reproduced, apparently with approval, in the Galea case, abovementioned): "...non sarà dunque applicabile il titolo di furto, ma quello di ragion fattasi, a chi prenda una cosa del suo debitore per rivalersi o*

---

[44] Enfasi ta' din il-Qorti.

*garantirsi del suo credito e a chi sotragga una cosa litigiosa nella credenza di avervi diritto: e ciò perchè in tali casi la coscienza del diritto esclude il dolo del furto, sostituendo al proposito di procurarsi un illecito profitto quello di evitarsi un danno." This Court, as now presided, cannot completely agree with this proposition. Carrara's definition of theft does not require that the gain should be an illicit or illegal gain – animo di farne lucro and not animo di farne ingiusto lucro. Moreover, the definition of the offence of ragion fattasi in the Codice Zanardelli – to which Maino was evidently referring when writing – Articolo 235 – did not, unlike our Article 85(1), require specifically, as a starting point, the exclusion of the intent to steal; that provision merely provided "Chiunque, al solo fine di esercitare un preteso diritto, nei casi in cui potrebbe ricorrere all'Autorità, si fa ragione di sè medesimo…". Our law, as we have seen, specifically requires not only the intent to exercise a pretended right, but also that this pretended right should not be exercised concurrently with any intent to steal: "…without intent to steal … but only in the exercise of a pretended right…". Consequently it is immaterial whether the gain is giusto or ingiusto. This also appears to be the position taken by modern Italian jurists. Thus Francesco Antolisei, in his Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale I Giuffrè Editore (Milano) 1986, pp. 255-256 comments as follows: "… il legislatore non ha voluto permettere che colui il quale vanta una pretesa legittima possa soddisfarla, prendendosi senz' altro le cose altrui. La tutela del possesso realizzata con l'incriminazione del furto sarebbe molto affievolita se si ammettesse una facoltà così estesa … Riteniamo, pertanto, che l'ingiustizia del profitto sia estranea alla nozione del furto, il quale, perciò, sussiste anche se il vantaggio a cui mirava l'agente non presentava quel carattere, e cioè era legittimo." Applying the above principles to the instant case, if Sangari took the laptop with the intent of selling it and thereby getting paid what he claimed was owed to him by Kone, then that would be a case of theft – the animo di farne lucro – in this case a tangible pecuniary gain – would be definitely satisfied, even in the event of the claim that he was owed money by Kone being perfectly justified at civil law. If, on the other hand, the laptop was taken only to be retained by way of a security, then there would be no intention of making a gain, and therefore no intent to steal for the purpose of our, and Carrara's, definition of theft, since the retention of an object merely as a security for the repayment of a debt cannot be viewed in itself as constituting a "gain" (lucro) in the sense described above – a security is merely a way of guaranteeing a future gain and is not an actual gain or profit in itself.*

Fil-każ in eżami, hekk kif già iktar 'l fuq osservat, jirriżulta ben ċar li l-imputat ma ħax il-mobile u l-card tal-Bank ta' Giuseppa Psaila sabiex iżommhom bħala garanzija sakemm tiġi risolta l-vertenza li jippretendi li għandu magħha, iżda, ħadhom bl-intenzjoni speċifika *da farne lucro*, ossia li permezz tagħhom jitħallas ta' dak li kien qed jippretendi. Hekk kif minnu stess mistqarr fl-istqarrija rilaxxata lill-Pulizija Eżekuttiva, kif ħa dawn l-oġġetti huwa mill-ewwel ipprova juża l-card ġo ATM tal-BOV ġewwa Wied il-Għajn biex jiġbed il-flus iżda ma rnexxilux għaliex din ma ħadmitx, u wkoll għamel użu mill-mobile ta' Psaila sabiex jagħmel xi telefonati għaliex tiegħu kien bla *credit*.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk jirriżulta ben ċar li l-aġir ta' l-imputat fil-konfront ta' Giuseppa Psaila nhar l-1 ta' Mejju 2024 fi Triq il-Kunvent, Ħaż-Żabbar, jagħti lok għar-reat ta' serq u għal ebda reat ieħor, wisq inqas dak ta' ragion fattasi.

L-imputat qed jiġi mixli li r-reat ta' serq imwettaq minnu a dannu ta' Giuseppa Psaila huwa kkwalifikat bil-vjolenza u aggravat bil-fatt li twettaq fil-konfront ta' persuna li għalqet is-sittin sena.

In kwantu rigwarda l-aggravju ta' l-età, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li fid-data ta' l-1 ta' Mejju 2024 Giuseppa Psaila kienet għalqet is-sittin sena, anżi li kellha iktar minn sittin sena. L-istess Giuseppa Psaila stqarret illi dak iż-żmien hija kellha tlieta u sebgħin sena u dana l-fatt ma ġie bl-ebda mod kontestat mill-imputat, anzi fl-istqarrija li rrilaxxa lill-Pulizija Eżekuttiva, l-istess imputat stqarr li Giuseppa Psaila kellha erbgħa u sebgħin sena.

In kwantu rigwarda l-kwalifika tal-vjolenza, Giuseppa Psaila stqarret illi l-imputat ġie għal fuqha f'salt u ħatfilha l-baskett u kif għamel hekk, bil-ġibda li ġibed l-imputat, hija waqgħet ma' l-art. Stqarret ukoll li ta' l-inqas l-imputat għena tqum mill-art wara li qalibha. Kif già osservat iktar 'l fuq, il-Qorti ma ssib ebda raġuni għalfejn ma għandhiex temmen lil Giuseppa Psaila dwar id-dinamika ta' kif seħħ l-inċident li fih l-imputat serqilha l-mobile u l-card tal-Bank.

Għalkemm l-imputat kategorikament jiċħad li huwa waqqa' lil Psaila imma kienet hi li kif ratu intefgħet ma' l-art għaliex kienet fis-sakkra u tgħaġġibhom, mill-provi prodotti ma jirriżultax li dakinhar ta' l-1 ta' Mejju 2024 Giuseppa Psaila kienet xurbana jew fis-sakra. La l-uffiċjali tal-Pulizija li tkellmu ma' Psaila dakinhar ta' l-1 ta' Mejju 2024 u lanqas it-Tabib Dr. Jerome Spiteri li nvistaha fl-Emerġenza ta' l-Isptar Mater Dei ma ikkummentaw fis-sens illi Psaila kienet fis-sakra jew xurbana jew li ta' l-inqas kellha riħa ta' xorb. Huwa veru li l-uffiċjali mis-Sezzjoni tal-Vjolenza Domestika qalu li meta marru biex jitkellmu ma' Giuseppa Psaila meta kienet rikoverata l-Isptar Mater Dei hija dehret konfuża u ma bdietx tagħmel sens, iżda fl-ebda ħin ma attribwew tali stat ta' konfużjoni għal sokor. Apparte n-nuqqas ta' prova li Giuseppa Psaila kienet fis-sakra, fl-istqarrija li rrilaxxa lill-Pulizija Eżekuttiva l-imputat qal li meta huwa mar fuq Psaila kien ifferoċjat għaliha minħabba l-ħsara li kient għamlitlu fl-antiporta tal-fond 126, Triq Bajjada, Ħaż-Żabbar, iktar kmieni dik il-ġurnata, u għaldaqstant huwa ferm kredibbli li hekk kif kien irrabjat għaliha, ħatfilha l-baskett u bil-forza li uża, waqqgħha ma' l-art.

B'riżultat ta' dan l-inċident Giuseppa Psaila sofriet ġrieħi ta' natura ħafifa hekk kif determinat minn Dr. Jerome Spiteri fiċ-ċertifikat mediku esebit bħala Dok. "KF2" a fol. 15 tal-proċess. Għalkemm it-Tabib imsemmi ma rriskontra ebda ġrieħi viżibbli fuq Psaila u mill-x-ray ma ħareġ xejn, hija lmentat minn uġigħ f'daharha u għalhekk iċċertifikaha bi ġrieħi ħfief salv kumplikazzjonijiet.

Kif jgħid il-Professur Anthony Mamo fin-Noti tiegħu fuq il-Liġi Kriminali, *any bodily harm which does not produce any of the effects mentioned in sections 230, 232 and 234 is deemed to be slight (Section 235 (l)). In effect, a bodily harm which*

*is not grievous is slight. But, of course, the definition which section 228 gives of bodily harms generally, applies also to slight bodily harms. In other words, a slight bodily harm: (a) consists in a harm to the body or health or in a mental derangement which is not grievous within the meaning of the said Sections 230, 232 and 234 and which: (b) is caused by a person acting without any intention to kill or to put the life of any person in manifest jeopardy but with the intention of causing a personal hurt. A stab or a cut or any contused or lacerated wound or mental shock or any other hurt or injury calculated to interfere with the health or comfort of a person, caused in the foresaid circumstances, would be sufficient to constitute slight bodily harm. The nature of the instrument or means with which it is caused, or the manner how it is caused is, generally, immaterial*[45].

Fir-rigward tal-ġrieħi sofferti minn Giuseppa Psaila l-Qorti tħoss li għandha tagħmel is-segwenti osservazzjoni. Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tat-2 ta' Diċembru 2024[46], l-Avukat Ġenerali jindika l-Artikolu 274(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jipprovdi li: *Il-ħati ta' serq li jsir flimkien ma' offiża fuq il-persuna jeħel - ... (ċ) jekk l-offiża tkun ħafifa, il-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn sa' ħames snin.* Madanakollu però fid-dawl taċ-ċertifikat mediku maħruġ minn Dr. Jerome Spiteri u iktar u iktar fid-dawl tax-xhieda tiegħu fejn qal li *sinjali esterni ta' injuries ma kienx hemm. Għamilt x-ray ta' l-ispina for completeness sake u li kien unremarkable. Dak kollox* u żied jgħid li Psaila ilmentat minn uġigħ f'daharha, liema uġigħ mill-provi prodotti ma jirriżultax li taha problemi ulterjuri, il-Qorti tqis li f'dan il-każ il-ġrieħi sofferti minn Giuseppa Psaila għandhom jitqiesu bħala li huma ta' importanza żgħira, fejn għalhekk iktar għandu japplika dak dispost fis-subparagrafu (d) ta' l-Artikolu 274 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioè *jekk l-offiża tkun ħafifa u ta' importanza żgħira u mhux magħmula b'wieħed mill-mezzi imsemmijin fl-artikolu 217, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tmintax-il xahar sa' tliet snin.*

Stabbilit għalhekk li l-imputat waqqa' lil Giuseppa Psaila, mara ta' tlieta u sebgħin sena, waqt li kien qed jisirqilha l-mobile u l-card tal-Bank, b'konsegwenza ta' liema waqa' hija sofriet ġrieħi ta' natura ħafifa, salv kumplikazzjonijiet, iżda ta' importanza żgħira, isegwi li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova lil hin minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, b'dana però li kif ingħad il-ġrieħi ta' natura ħafifa huma ta' importanza żgħira.

Bit-**tieni imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli: (2) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Giuseppa Psaila, liema reat huwa aggravat stante li l-offiża saret fuq jew fuq xi persuna msemmija fl-Artikolu 202(h).

Fid-dawl ta' dak appena osservat fir-rigward tal-ġrieħi sofferti minn Giuseppa Psaila u kif ġew lilha kawżati, ossia mill-imputat waqt li kien qed jisirqilha l-mobile

---

[45] Illum l-artikoli in kwistjoni huma l-Artikoli 214 et seq tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[46] Fol. 231 u 232 tal-proċess.

u il-card tal-Bank, il-Qorti tqis li l-imputat għandu jinstab ħati ta' tali imputazzjoni iżda dana fir-rigward ta' ġrieħi ta' natura ħafifa u ta' importanza żgħira. In kwantu rigwarda l-element aggravanti ta' dan ir-reat, mill-provi prodotti rriżulta li l-imputat u Giuseppa Psaila kienu fiż-żmien f'relazzjoni bejniethom u għaldaqstant tissussisti ċ-ċirkostanza prevista fl-Artikolu 202(h)(vi) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, l-imputat għandu jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, ossia li kkawża ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Giuseppa Psaila, bl-aggravanti skond l-Artikolu 202(h)(vi) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dana però li l-ġrieħi kawżati lill-imsemmija Giuseppa Psaila huma ta' natura ħafifa u ta' importanza zgħira.

Bit-**tielet, ir-raba** u l-**ħames** imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli: (3) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għamel lil Giuseppa Psaila inġurji jew theddid mhux imsemmijin band' oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni; (4) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil Giuseppa Psaila kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi; (5) U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju.

Fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 2 ta' Diċembru 2024[47], l-Avukat Ġenerali jindika l-Artikoli 338(dd), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tqis li fid-dawl tal-fatt li l-imputat għandu, a bażi tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, jinstab ħati ta' l-ewwel żewġ imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, hija għanda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni dedotti kontrih.

In kwantu rigwarda l-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat jiġi osservat illi *kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija v. Alfred Pisani" ir-reat kontemplat fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali javvera ruħu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliża kien jissejjaħ "a breach of the peace". Bħala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumità fiżika ta' persuna jew dwar l-inkolumità ta' proprjetà, kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għemil jew minħabba l-possibilità ta' reazzjoni għal dak l-għemil. ... U dik il-Qorti żiedet tgħid li:- "Naturalment huwa kważi impossibbli li wieħed jiddeċiedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull każ għar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet pubbliku. Kif jgħid awtur ieħor Skoċċiż, Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tiegħu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):- "Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact*

[47] Fol. 231 u 232 tal-proċess.

*depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application". (P.985, para. 41-01). U aktar 'il quddiem l-istess awtur jgħid:- "**although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone  such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance**[48]" (p. 986, para. 41-04)* - **Il-Pulizija v. Noel Tanti**, pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-5 ta' Mejju 2005.

Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Claudio Overend**, pronunċjata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-6 ta' Jannar 2012, fejn ingħad illi *l-kunċett Ingliż ta' "breach of the peace" li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, ġie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu "Offences Against Public Order" (London, Sweet & Maxwell, 1987( hekk: "... The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell ... Walkins L.J. said: " ... **Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done**[49]" (p. 182)".*

Giuseppa Psaila xehdet li dakinhar ta' l-1 ta' Mejju 2024 ġewwa Triq il-Kunvent, Ħaż-Żabbar, l-imputat *ġie jiġri fuqi. ... Qabadli l-baskett u ħatafuli u bil-ġibda li ġibidli waqqani u qabadli l-portmoney, ħadli l-cashlink, ħadli l-mobile. ...* Fl-istqarrija tiegħu l-imputat stqarr illi meta huwa ra lil Psaila fl-imsemmija triq, mar fuqha u qalilha *ejja, isma' 'l hawn*. Għalkemm l-imputat għadda biex jisraq lil Giuseppa Psaila wara li waqqagħha ma' l-art, b'konsegwenza ta' liema hija sofriet ġrieħi ta' natura ħafifa u ta' importanza żgħira, il-Qorti ma tqisx li dawn iċ-ċirkostanzi huma tali li jikkostitwixxu r-reat ta' ksur tal-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju kif imfisser fil-ġurisprudenza applikabbli. Għaldaqstant, tqis li l-imputat ma jistax u ma għandux jinstab ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Bis-**sitt imputazzjoni** dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli f'xi ħin bejn id-disgħa ta' filgħodu (09:00a.m.) u l-ħdax ta' filgħodu (11:00a.m.) fl-1 ta' Mejju 2024, ġewwa 126, Triq Bajjada, Żabbar u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer: (6) Bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta, iżomm jew jissekwestra lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Giuseppa Psaila kontra l-volontà tagħha.

Permezz tan-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 2 ta' Diċembru 2024[50], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew

---

[48] Enfasi ta' din il-Qorti.

[49] Enfasi ta' din il-Qorti.

[50] Fol. 231 u 232 tal-proċess.

ħtijiet maħsuba fl-Artikoli 86, 87(1)(h) u 202(h)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *Kull min, bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jisskewestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa' sentejn: Iżda, il-qorti tista', fil-każijiet ħfief, tagħti il-piena ta' priġunerija minn xahar sa' tliet xhur jew il-multa.* L-Artikolu 87(1)(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi: *Il-piena tad-delitt imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, tkun ta' priġunerija minn tlettax-il (13) xahar sa' sitt (6) snin fil-każ li tirriżulta waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li ġejjin: ... (h) jekk id-delitt ikun sar fuq il-persuna tal-missier, l-omm jew fuq xi persuna minn dawk imsemmija fl-artikolu 202(h).* L-Artikolu 202(h)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ċitat mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju, jipprevedi sitwazzjoni fejn *id-delitt isir fuq il-persuna tal-konjuġi attwali jew eks konjuġi, sieħeb f'unjoni ċivili jew koabitant.*

Minn qari akkurat ta' l-imputazzjoni kif oriġinarjament dedotta fil-konfront ta' l-imputat joħroġ ferm ċar li huwa ġie mixli bir-reat ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-Liġi, kif Previst fl-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta **<u>mingħajr</u> ebda waħda mill-aggravanti pervisti fl-Artikoli 87 u 202(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għalkemm fic-charge sheet hemm indikat l-Artikolu 87(1)(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ma hijiex marbuta b'dik id-dispożizzjoni tal-Liġi in kwantu hija biss indikazzjoni li bl-ebda mod ma tista' tegħleb id-diċitura ta' l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront ta' l-imputat. Fir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Omissis u Jonathan Farrugia, Appell Nru. 480/2021**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-4 ta' Mejju 2011, fejn ġie osservat illi *l-indikazzjoni ta' l-artikoli mill-Pulizija Eżekuttiva ma tistax tiġi ikkunsidrata parti integrali ta' l-imputazzjoni u tali indikazzjoni tista' titqies biss bħala indikattiva ta' l-artikoli tal-liġi li l-Pulizija Eżekuttiva jidhrilha li jkunu inkisru. Li hu essenzjali hu li l-imputazzjoni tkun redatta b'tali mod illi l-imputat ikun jaf biex qiegħed jiġi akkużat.*

Minn dan isegwi għalhekk li l-Qorti ma tistax u ma għandhiex tidħol fil-kwistjoni ta' l-aggravju ai termini ta' l-Artikoli 87(1)(h) u 202(h)(i) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta indikat mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju, stante li bl-indikazzjoni ta' l-imsemmi Artikoli tal-Liġi fl-imsemmija Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju, l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti dwar reat iktar gravi minn dak li ġie mixli bih oriġinarjament.

Din l-osservazzjoni tal-Qorti ssib konferma f'dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Michael Carter, Appell Nru. 82/01** deċiża fis-7 ta' Diċembru 2001, u cioè *meta ...* ***ir-rinviju għall-ġudizzju jsir skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 370 (u allura wieħed qed jitkellem fuq għall-anqas reat wieħed fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali) in-nota ta' rinviju għall-ġudizzju***

***tassumi rwol simili għal dak ta' l-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistgħux jiżdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni***[51]*. L-Avukat Ġenerali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jżid skużanti. Bħal fil-każ ta' l-att ta' akkuża, jekk fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju taħt l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Ġenerali jakkuża lil xi ħadd bħala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Maġistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkużat (Art. 370(3)(ċ)), tista' issibu ħati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat ieħor anqas gravi iżda kompriż u involut f'dak ir-reat, jew bħala kompliċi f'dak ir-reat.*

Stabbilita din il-kwistjoni, jeħtieġ jiġi determinat jekk il-Prosekuzzjoni irnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati tar-reat previst fl-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Christopher Zammit**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-1 ta' Diċembru 2022, ġie osservat illi *biex jissussisti ir-reat ta' sekwestru tal-persuna huwa biżżejjed illi tirriżulta xi waħda miċ-ċirkostanzi ravviżati fl-Artikolu 86 u cioè l-arrest, jew iż-żamma jew is-sekwestru tal-persuna kontra l-volontà tagħha, u dan mingħajr ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti". Il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu jgħid hekk dwar l-element materjali ta-reat in diżamina: "**It will be observed in the first place that the law does not, in contemplating the simple form of this crime, specify the purpose which may have actuated the offender in committing the illegal arrest, detention or imprisonment. The fact in itself is so odious that it calls for a punishment corresponding to the importance of the right violated, that is, the liberty of the subject. Whatever may have been the motive of the offender, such as the enforcement of a claimed right or taking revenge, or whether any motive is made to appear at all, if the fact of the illegal arrest, detention or confinement is proved, the offence subsists**[52]." The words "arrest detention and "confinement are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "Il reato preveduto nell' articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; **sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova**[53]; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro" (ROBERTI ibid, para 323) Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; **or may be detained in his own house without having been previously arrested**[54]. Maino fil-ktieb tiegħu Commento al Codice Penale jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bħall-artikolu 86 tagħna billi jgħid: "Il sequestrato richiede che la privazione della libertà sia assoluta e avvenga in circostanze tali da togliere alla vittima ogni possibilità di scampo o di soccorso" Antolisei fil-ktieb tiegħu Manuale di Diritto Penale jgħid:*

[51] Enfasi ta' din il-Qorti.

[52] Enfasi ta' din il-Qorti.

[53] Enfasi ta' din il-Qorti.

[54] Enfasi ta' din il-Qorti.

*"Le fattispecie del delitto in parola si realizza anche se la privazione della libertà non è totale ma occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. È necessario per altro che la perdita della libertà si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."*

Għal dak li jirrigwarda d-durata tal-perijodu tas-sewkestru llegali, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Omissis 1, Każ. Nru. 10/2023** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-12 ta' Marzu 2025, fejn ġie osservat illi: *Francesco Antolisei jkompli jgħid: "È necessario, peraltro, che la perdita della libertà si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo." Mamo jagħmel referenza għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni: "In questo senso Cass. 16 giugno 1950, in Giust. pen. 1951, II, 73, 78. Contra Cass. 14 febbraio 1958, in Giust. pen. 1958, II, 1098, secondo cui sarebbe irrilevante la durata della limitazione alla libertà del soggetto passivo. Con la sentenza 14 gennaio 1961, in Mass. pen. 1961, m. 388, la Corte di Cassazione ha precisato che **la privazione della libertà di movimento del soggetto passivo deve perdurare "per un apprezzabile lasso di tempo, anche brevissimo", cosi che non sarebbe rilevante solo se "momentanea e fugace**[55]". Il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li kienet osservat il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Keith Camilleri (Appell Numru 178/2010) fejn qieset li ż-żamma ta' persuna sakemm saret serqa li damet mhux aktar minn minuta ma kinitx żamma fugaċi u li għalhekk setgħet tinstab ħtija fl-artikolu 86. Infatti l-Qorti kienet qalet hekk: "L-ewwel Qorti dehrilha li l-mument li fih seħħet is-serqa in kwistjoni kien fugaċi. L-appellant Avukat Generali jsostni l-kuntrarju. Wara li din il-Qorti eżaminat l-atti, ikollha tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali. Joan Zarb Adami xehdet li l-incident ġara "f'sekondi. Ma naħsibx li kienet skorriet minuta." Fil-fatt ma jista' jkun hemm ebda dubju li l-inċident ħa aktar min sekonda, tnejn, sakemm l-appellat fetaħ il-bieba tax-xufier tat-truck u sprejjalu l-pepper spray ġo wiċċu, u sadattant persuna oħra kisser ħġieġa tal-bieba l-oħra u seraq il-pouch bil-flus li kellu x-xufier fuq is-seat tal-passiġġier. Għalhekk, għalkemm wieħed jista' jitkellem dwar "tempo brevissimo", dan kien iktar minn mument "fugaċi". Għalhekk l-ewwel Qorti kellha ssib ħtija anke dwar din l-imputazzjoni."*

Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Pierre Vassallo, Każ Nru. 75/2022** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Marzu 2024, fejn ġie osservat illi: *wieħed mill-elementi kostituttivi tar-reat taħt l-art. (illum) 605 (qabel l-art. 169) tal-Codice penale Taljana li jipotetizza r-reat tas-sekwestru tal-persuna, hi la privazione di libertà. Għalkemm dan l-element m'huwiex imsemmi espressament fl-artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali, il-figura ġuridika tas-sekwestru kif imfisser fil-ġurisprudenza Taljana jibqa' indubbjament rilevanti għall-fini tal-interpretazzjoni tal-element materjali tas-sekwestru tal-persuna fl-imsemmi artikolu 86 tal-Kap. 9. Dan l-element ġie imfisser hekk mill-Corte di Cassazione ta' l-Italja: "**Per la realizzazione del reato di sequestro di persona, non occorre che la privazione della libertà sia attuata in modo da rendere assolutamente impossibile il recupero della libertà***

[55] Enfasi ta' din il-Qorti.

***della vittima mediante autoliberazione: è sufficiente invero, che il soggetto passivo, non possa, anche in considerazione delle sue limitate capacità di reazione, superare con immediatezza, da sé medesimo, l'ostacolo posto alla sua libertà di movimento***[56]*". In kwantu għall-grad tas-sekwestru jew żamma kontra l-volonta', jingħad illi mhux meħtieġ illi s-sekwestru jkun assolut u lanqas li l-libertà personali jew il-libertà tal-moviment tas-soġġett passiv ikun ġie eskluż b'mod assolut. Ir-reità tissussisti anke f'każ fejn il-vittma tinqafel f'post imdaqqas fejn għalkemm ma jkunx imxekkel il-moviment tagħha, tinżamm milli toħroġ mill-post innifsu. Skont il-Manzini "si ha la privazione di libertà ai sensi dell'art 605 del Codice penale in tutti i casi in cui il soggetto passivo, per liberarsi dalla costrizione impostagli, debba porre in essere mezzi straordinari e non prontamente attuabili." Mhux meħtieġ lanqas li s-sekwestru jew żamma kontra l-volontà jipperdura fuq medda ta' ħin jew żmien definittiv iżda ż-żmien irid ikun wieħed rilevanti u ġuridikament apprezzabbli, u mhux ipotetizzabbli r-reat ikkonsmat jekk is-sekwestru jseħħ biss b'mod istantanju għal ħin negliġibbli. Kwantu għall-element formali tar-reat,* ***l-intenzjoni doluża ġenerika tikkonsisti fil-volontà tal-aġent tar-reat li jirrestrinġi l-libertà tal-moviment personali tas-soġġett passiv***[57].

Meta l-fatti tal-każ in eżami jiġu kkunsidrati fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġuridiċi jirriżulta li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa effettivament ħati tar-reat previst fl-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u li qed jiġi mixli bih bis-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

Mill-provi prodotti, senjatament mix-xhieda ta' Giuseppa Psaila, mill-istqarrija ta' l-imputat u mix-xhieda ta' Charlene Bonello, xhud din prodotta mid-Difiża, jirriżulta b'mod ċar li nhar l-1 ta' Mejju 2024 filgħodu l-imputat sakkar lil Giuseppa Psaila ġewwa l-fond 126, Triq Bajjada, Ħaż-Żabbar. Huwa għamel dan billi għadda katina minn holqa fl-antiporta tal-fond u għalaq l-istess permezz ta' katnazz, b'dana li Psaila, li dak il-ħin kienet ġewwa, ma setgħetx b'mod normali u immedjat toħroġ mill-fond in kwistjoni. Giuseppa Psaila baqgħet hekk imsakkra fil-fond għal ħin apprezzabbli għaliex naturalment bl-antiporta magħluqa b'katina b'katnazz fuq barra ta' l-istess antiporta, hija ma setgħetx b'mod immedjat tiftaħ l-istess u toħroġ 'il barra. Biex toħroġ mill-fond kellha tirrikorri għal metodi oħra, l-ewwel ippruvat tuża tnalja iżda xorta ma rnexxilhiex tneħħi l-katina u kien biss wara li kissret il-ħġieġ ta' l-antiporta li rnexxielha tilħaq il-bieb u toħroġ 'l barra mill-fond fejn kienet imsakkra.

L-imputat, anke tramite x-xhieda ta' Charlene Bonello, ipprova jiġġustifika l-aġir tiegħu billi jgħid li dakinhar ta' l-1 ta' Mejju 2024 hu kien sakkar lil Giuseppa Psaila ġewwa l-fond 126, Triq Bajjada, Ħaż-Żabbar, biex ma ddaħħalx nies fil-fond, iżda tali skuża ma tista' bl-ebda mod teżimi lill-imputat mir-responsabilità kriminali ta' l-aġir tiegħu kontra l-imsemmija Psaila. In effetti, kif già iktar 'l fuq osservat, huwa prinċipu ġuridiku assodat li *whatever may have been the motive of the offender,*

[56] Enfasi ta' din il-Qorti.

[57] Enfasi ta' din il-Qorti.

*such as the enforcement of a claimed right or taking revenge, or whether any motive is made to appear at all, if the fact of the illegal arrest, detention or confinement is proved, the offence subsists.* Dakinhar ta' l-1 ta' Mejju 2024, l-imputat di sua volontà għażel li jirrestrinġi l-libertà ta' Giuseppa Psaila billi, kif ingħad, sakkarha ġewwa l-fond Nru. 126, Triq Bajjada, Ħaż-Żabbar, u dana kontra il-volontà tagħha, tant illi hekk kif indunat li l-antiporta tal-fond kienet imsakkra b'katina b'katnazz, hija ddisprat u rat kif għamlet biex fl-aħħar irnexxielha toħroġ mill-fond imsemmi.

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat għandu jinstab ħati tas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u dana limitatament ai termini ta' l-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura gravi tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih u li fil-każ in eżami japplika dak provdut fl-Artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal dak li jirrigwarda l-konkors ta' reati u ta' pieni bejn l-ewwel u s-sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat u filwaqt ukoll li mhux qed issib lill-imputat ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnha, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 31, 86, 202(h)(vi), 214, 215, 221(1)(3)(a), 222(1)(a), 261(a), 262(1)(a)(2), 274(d) u 276A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, limitatament però għal offiża ta' natura ħafifa u ta' importanza żgħira, u tas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u dana limitatament ai termini ta' l-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tikkundannah għall-perijodu ta' sentejn (2) u tlett (3) xhur priġunerija effettiva.

Mit-terminu ta' priġunerija effettiva hawn impost fuq l-imputat għandu jitnaqqas dak iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Giuseppa Psaila. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' ħames (5) snin minn dakinhar li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ

fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas lir-Reġistratur Qrati Kriminali u Tribunali s-somma ta' €2,747.92[58] rappreżentanti spejjeż inkorsi in konnessjoni man-nomina ta' l-Espert Tekniku Keith Cutajar.

In fine l-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li ma tressqet l-ebda prova fir-rigward ta' danni subiti minn Giuseppa Psaila.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[58] Fol. 228 tal-proċess.